# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-22 ta' Jannar 2024

**Rikors Numru : 571/2021 JPG**
**Kawza Numru : 24**

**George Chetcuti (ID 77066M) u Mariella Chetcuti (ID 98166M)**

**Vs**

**Tyron Grech (ID 444995M) u Talita Chetcuti (ID 157697M)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' George u Mariella Chetcuti, datat 23 ta' Novembru 2021 a fol 1 tal-atti li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jigu l-genituri ta' Talita Chetcuti, wahda mill-intimati.*

2. *Illi Talita Chetcuti bdiet tiffrekwenta certu Tyson Grech, persuna li gie misjub hati kriminalment li kellu attivitajiet sesswali ma' minuri u dan skont l-artikolu tal-gazzetta hawn annessa u mmarkat bhala* ***Dok A****, kif ukoll ricentament rega' instab hati kriminalment li stupra tfajla, kopja tas-sentenza*

*hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok B*** *u issa qieghed prezentament ghaddej proceduri kriminali fuq traffikar u pussess ta' kokajina, u dana skont l-artikolu tal-gazzetta hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok C****. Illi Tyson Grech ghalhekk huwa persuna perikoluza u ta influwenza hazina. Wara xi tlett xhur li saret tafu, Talita Chetcuti inqabdet tqila minn Tyson Grech, u sussegwentament twieldet it-tifla minuri, Mia Grech Chetcuti fit-13 ta' Settembru 2020 u dana skont ic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok D.***

3. ***<u>Illi minn mindu twieldet il-minuri Mia, tali minuri dejjem ghexet ma' l-esponenti u dejjem kienet fil-kura ta' l-esponenti</u>****. Primarjament irrid jigi kkjarifikat illi l-esponenti jirrisjedu gewwa Franza minhabba x-xoghol ta' l-esponenti George Chetcuti (****Dok E****). Izda, meta huma semghu illi l-intimata Talita Chetcuti inqabdet tqila minn dana Tyson Grech, huma gew lura Malta sabiex ikunu f'pozizzjoni jissalvagwardjaw it-tarbija ta' l-intimata Talita Chetcuti. Illi ghal dina r-raguni, l-esponenti George Chetcuti gab permess biex jibda jahdem b'mod tat-teleworking minn hawn Malta. Illi ghalhekk l-esponenti gew Malta qabel ma l-intimata Talita Chetcuti weldet lil minuri Mia u ghalhekk huma kienu f'hajjet Mia anka waqt it-tqala.*

4. *Illi peress li l-esponenti qeghdin hawn Malta b'koncessjoni biss biex ikunu jistghu jiehdu hsieb lil minuri huma ser ikollhom bzonn fil-qarib li jirritornaw lura Franza fuq bazi regolari sabiex l-esponenti George Chetcuti jerga' jirritorna ghal xogholu. Illi ovvjament huma ser ikollhom bzonn jiehdu lil minuri Mia gewwa Franza peress li l-minuri qeghda taht il-kura taghhom. Illi peress li prezentament il-kura u kustodja hija f'idejn l-intimati b'mod kongunt hemm bzonn l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex dana jsir. Illi minn naha ta' Talita Chetcuti, hija diga' tat il-kunsens taghha sabiex il-kura u kustodja ta' minuri Mia tkun fdata esklussivament f'idejn l-esponenti (****Dok F****) izda xorta wahda hemm il-htiega ta' l-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex il-kura u kustodja tal-minuri Mia titnehha minn fuq l-intimati inkluz Tyson Grech u titpogga esklusivvament fuq l-esponenti.*

5. *Illi Tyson Grech huwa persuna perikoluza fejn kif diga' inghad instab hati li stupra tfajla kif ukoll li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizzjorja fejn fost affarijiet ohrajn gie moghti sitt (6) snin prigunerija. Persuna li nstab hati fuq reati sesswali certament mhuwiex idoneju illi jkollu l-kura u kustodja tal-minuri Mia. Minkejja illi Tyson Grech ghad ghandu biss sitta u ghoxrin (26) sena, huwa ilu midhla sew tal-hajja kriminali. Apparti li instab hati li stupra tfajla kif diga' ssemma, l-istess Tyson Grech kien diga' nstab hati li kkometta atti sesswali ma' minorenni. Apparti dawn ir-reati sesswali, Tyson Grech gie imressaq quddiem il-Qorti fuq akkuzi li kellu pussess u traffikar tad-droga.* ***Illi apparti dan kollu huwa b'xi mod jew iehor jidher li Tyson Grech huwa ukoll imdahhal fix-xoghol ta' escort services. Dan l-esponenti jafuh ghax waqt li kien qieghed juza l-computer ta' l-intimata Talita Chetcuti gewwa d-dar ta' l-esponenti, fejn hija kienet hallitu juza l-computer sabiex jaghmel xi xoghol fuq car rental service li huwa ghandu, huwa halla l-email miftuh u Talita u l-intimati skoprew li huwa jidher li kien ihaddem xi escorts (***Dok G1-G6***). Wara dan il-fatt, Talita kienet ikkonfrontatu, u ma hallihiex ikollha access ghal l-emails tieghu iktar. Dan sar meta Tyson Grech dahal id-dar taghhom il-ftit drabi biss wara t-twelid tal-minuri Mia. Illi ghalhekk persuna li nstab hati fuq atti sesswali, stupru u prezentament huwa imressaq fuq pussess u traffikar ta' kokajina kif ukoll jidher li huwa mdahal f'escort services zgur mhuwiex fl-ahjar pozizzjoni sabiex jzomm il-kura u kustodja tal-minuri Mia. Kif tista' tapprezza dina l-Onorabbli Qorti, l-ahjar interess tat-tfal imur oltre dak tal-genituri. L-ebda tifel jew tifla m'ghandhom jitqeghdu fil-periklu li jigu esposti ghal hajja kriminali jew ghal kull hag'ohra li tpoggi l-moralita' u l-benessere tal-minuri fil-periklu. Ghal kuntrarju ta' Tyson Grech, l-esponenti huma persuni bil-ghaqal u rispettabbli u l-esponenti George Chetcuti ghandu impjieg responsabbli gewwa l-Istituzzjoni Ewropeja fi Franza. Kif jidher car l-esponenti li m'humiex imdahhla fl-ebda cirklu kriminali huma l-oppost totali ta' l-intimat Tyson Grech, u l-biza' taghhom hija illi jekk huma mhux ser ikollhom il-kura u kustodja legali ta' Mia, l-benessere ta' Mia jista' jigi kompromess minhabba Tyson Grech.*

6. *Illi l-esponenti ghandhom biza' minn Tyson Grech u dana peress li dana Grech hedded lil binthom Talita bi vjolenza jekk hija qatt tipprova tmur*

*kontrih (**Dok H1-H4**), Illi ghalkemm l-intimat Grech qatt ma oppona illi l-esponenti jiehdu hsieb il-minuri Mia, huma wisq jibzghu illi jista' jkun hemm xi konsegwenzi vjolenti fuqhom kif ukoll fuq binthom Talita la darba huma qeghdin jintavolaw dana r-rikors generali sabiex il-kura u kustodja tal-minuri Mia titnehha minn fuq l-intimati u titpogga' esklussivament fuqhom.*

7. *Illi kif jidher car Tyson Grech mhuwiex persuna idonea biex ikollu l-kura u kustodja tal-minuri Mia. Apparti l-hajja ta' kriminalita' ta' Tyson Grech, l-istess Tyson Grech ma jikkooperax sabiex jghati l-kunsens tieghu fejn tidhol il-minuri Mia. Fejn jidhol il-bzonn li huwa jghati l-kunsens tieghu dejjem jigi bi glied u theddied. Dan it-theddied u l-glied mhux biss qieghed jbezza' u jipperikola lill-esponenti izda anka qieghed jippregudika d-drittijiet ta' l-istess minuri. Per ezempju kien hemm bzonn illi l-minuri Mia tibda' tattendi child care centre u dana sabiex it-tifla minuri tibda tissocjalizza ma' tfal ohra ta' l-eta' taghha. Izda huwa ma riedx jiffirma (**Dok I**).*

8. *L-esponenti jhossu illi ghal Tyson Grech, bintu qeghda hemm biss biex jiehu ritratt u jttelghu fuq Facebook ghal 'likes' ta' shabu. L-intimat jara lil bintu biss bhala mezz ta' gwadan ghal skopijiet ohra specjalment issa li nstab hati kriminalment ta' stupru u ghandu proceduri kriminali pendenti ta' traffikar ta' kokajina. L-intimat Tyson Grech huwa persuna manipulattiva. Biss biss, anka jekk wiehed jara s-sentenza kriminali hawn annessa, jara kif huwa immanipula l-vittma fejn sussegwentament huwa stupraha. Illi l-karattru manipulattiv tieghu jestendi ukoll fuq bint l-esponenti, Talita Chetcuti, fejn qieghed jimmanipula sabiex temmen li huwa persuna per bene u huwa biss vittma tac-cirkostanzi. Tant huwa manipulattiv li sahansitra darba minnhom waqt vizita ghand il-peadiatrician ma' l-esponenti Mariella Chetcuti, hu gieghel lil Talita issaqsi lil peadiatrician sabiex jnizzel fic-certifikat li Tyson Grech kien prezenti ghal dik l-vista sabiex ikun jista' juzah il-Qorti bhala skuza ghaliex ma deherx ghal tali seduta! Ovvjament il-peadiatrician irrifjuta milli jaghmel dana. Dana l-incident qieghed jigi rrakkontat sabiex juri kemm Tyson Grech huwa persuna manipulattiva li juza lil haddiehor anka lil bintu u lill-omm bintu ghall-iskopijiet tieghu. Illi l-esponenti innutaw*

*kemm l-intimat Tyson Grech huwa manipulattiv u jinfluwenza hafna lil binthom Talita tant hu hekk illi Talita tidhol fi stat ta' trans wara li tkun tkellmet jew qattghat xi zmien mieghu kif irrimarkaw it-terapisti u l-professjonisti involuti fil-kaz. Tyson Grech tant huwa manipulattiv u minghajr l-ebda empatija li ma kellhu l-ebda rimors meta lil Talita ta' l-HPV u ta' STI. – anzi waddab il-htija fuqha u nnega li kien hu li ta l-HPV u l-STI cioe'l- clamidja. Mentri Talita Chetcuti tghix ma l-esponenti, Tyson Grech m'ghandhux residenza fissa u jdur minn post ghal iehor. Dan huwa fatt li jafuh l-esponenti minkejja kull dikjarazzjoni ohra ta' l-intimat Grech.*

9. *Huwa mhux biss persuna manipulattiva izda persuna vjolenti fejn jhedded lil Talita Chetcuti u lil bintu, Mia b'vjolenza fizika. Fil-fatt, kien hemm ukoll drabi fejn huwa imbotta lil Talita, sabbat u waddab oggetti lejn Talita biex tissottometti ghal dak li qed jghidilha hu, u anka jabbuzza b'mod verbali, psikologiku u emozzjonali fejn jghajjarha, "borza taz-zibel" u kliem iehor li jwegga'. Huwa persuna controlling u possessiv fejn joqghod jitlobha biex ittih il-passwords tal-mobile biex joqghod jara l-messaggi personali taghha u kellha bilfors taghtih access ghal mobile taghha ghax inkella kien ser ikun vjolenti fizikament. Tant l-influwenza tieghu fuq Talita Chetcuti hija wahda negattiva illi l-istess Talita kellha tirrikorri fuq anti-depressants u kellha tmur ghal ghajnuna ghand diversi professjonisti bhal Maria Jones, Charmaine Dalli u anka minn naha ta' l-Agenzija Appogg.* ***Tant Tyson Grech huwa persuna perikoluza u manipulattiva illi mhux biss mhux idoneu biex ikollu l-kura u kustodja tal-minuri Mia Grech Chetcuti izda lanqas access ghalija u dana ghaliex hemm riskju li t-tifla minuri tkun f'periklu meta tkun mieghu stante li huwa instab hati ta' attivitajiet sesswali ma' minuri, ta' stupru u hemm proceduri kriminali pendenti kontrih ta' traffikar u pussess ta' kokaina****. Dawna huma biss il-kazijiet li l-esponenti jafu bihom.*

10. *L-intimata Talita ghadha tghix ma' l-esponenti u dana ukoll ghaliex mhijiex finanzjarjament indipendenti ghax ghadha tistudja. Talita Chetcuti tixtieq illi l-kura u kustodja tkun f'idejn l-esponenti u dana ghaliex hija taf li prezentament l-esponenti huma fl-ahjar pozizzjoni li jassumu r-*

*responsabilita' tal-kura u kustodja tal- minuri kif ukoll minhabba l-fatt li Tyson Grech mhuwiex il-persuna idonea sabiex ikollu l-kura u kustodja tal-minuri Mia.*

11. *Illi kif inghad l-esponenti biss kienu l-unici persuni li hadu hsieb finanzjarment lil Mia u dana kif juri d-dokumenti annessi u mmarkati bhala* ***Dok J1, J2 (li fih wiehed u ghoxrin-il dokument), J3 (li fih wiehed u hamsin-il dokument), J4 (li fih tlettax-il dokument),*** *fejn juru b'mod car u konsistenti li mhux biss il-minuri Mia tirrisjedi ma' l-esponenti izda fil-fatt huma qeghdin joffru l-kura primarja ghal minuri billi jixtru l-bzonnijiet kollha li ghandha bzonn Mia. Illi sahansitra huma dahlu fl-ispiza ohra sabiex jghamlu d-dar taghhom 'baby proof' halli Mia tkun sikura u ma jkunx hemm periklu ghat-trobbija taghha.*

12. *Illi di fatti li l-esponenti ghandhom il-kura u kustodja fizika tal-minuri Mia izda m'ghandhomx il-kura u kustodja legali u din qeghda twassal ghal incertezza u problemi fejn jidhlu d-decizjonijiet iktar il-quddiem ghal minuri fejn jidhlu tali decizjonijiet kif ukoll ghal fatt illi l-esponenti ma jistawx jibqghu hawn Malta fuq bazi permanenti minhabba x-xoghol ta' l-esponenti George Chetcuti li jahdem gewwa Franza.*

13. *Meta tigi assenjata l-kura u kustodja tal-minuri il-Qrati dejjem irritenew illi l-ahjar interess tal-minuri ghandu jkun il-principju li jiddetta fuq minn ghandha tigi assenjata l-kura u kustodja. Ghalhekk referenza ghall-kawza fl-ismijiet* **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud** *qeghda prezentament issir fejn gie dikjarat is-segwenti:*

*"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino fejn gie ritenut li "r-regola generali f'din il- materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:*

*"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill- provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

*Fil-kaz* **Frances Farrugia vs. Duncan Caruana**, *deciza fil-31 ta' Mejju 2017 gie ritenut is-segwenti:*

*"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq ic-citata."*

*Fil-kaz* **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud** *il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:*

*"huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura... fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal- minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna.... Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri."*

*14. Illi ghalhekk kellu jsir dana r-rikors generali sabiex il-kura u kustodja tal-minuri Mia Grech Chetcuti tigi fdata esklussivament fl-esponenti George u Mariella Chetcuti.*

*Ghaldaqstant qieghed jigi umilment mitlub lil dina Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tappunta r-rikors ghas-smiegh sabiex jitressqu l-provi u x-xhieda inkluz l-professjonisti, l-Pulizija u r-Regitratur tal-Qrati Kriminali, fuq il-kontenut imsemmi f'dan ir-rikors specjalment fejn jidhlu l-akkuzi u s-sentenzi kriminali ta' Tyson Grech.*

2. *Tappunta lid-Direttorat ghal Harsien tat-Tfal sabiex jaghmlu social assessment sabiex jaccertaw illi l-esponenti huma idonei sabiex ikollhom il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri.*

3. *Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Mia Grech Chetcuti tkun esklussiva f'idejn l-esponenti, George u Mariella Chetcuti.*

4. *Tordna li l-minuri Mia Grech Chetcuti tirrisjedi ma' l-esponenti George u Mariella Chetcuti inkluz gewwa Franza.*

5. *Tawtorizza lill-esponenti George u Mariella Chetcuti japplikaw ghal passaport ghal minuri Mia Grech Chetcuti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Tyson Grech datata 22 ta' Dicembru 2021, fol 160 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors datata 29 ta' Novembru 2021 li permezz tieghu l-atturi talbu:*

    1. *tappunta r-rikors ghas-smiegh sabiex jitressqu l-provi u x-xhieda inkluz l-professjonisti, l-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati Kriminali, fuq il-kontentut imsemmi f'dan i-rikors specjalment fejn jidhlu l-akkuzi u s-sentenzi kriminali ta' Tyson Grech;*

*2. Tappunta lid-Direttorat ghal Harsien tat-Tfal sabiex jaghmel social assessment sabiex jaccertaw illi l-esponenti huma idonei sabiex ikollhom il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri;*

*3. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Mia Grech Chetcuti tkun esklussiva f'idejn l-esponenti, George u Mariella Chetcuti;*

*4. Tordna li l-minuri Mia Grech Chetcuti tirrisjedi ma' l-esponenti George u Mariella Chetcuti inkluz gewwa Franza;*

*5. Tawtorizza lill-esponenti George u Mariella Chetcuti japplikaw ghal passaport ghal minuri Mia Grech Chetcuti;*

2. *Illi permezz ta' digriet datat 9 ta Dicembru 2021 din l-Onorabbli Qorti tat hmistax-il gurnata zmien lill-esponenti sabiex jintavola risposta;*

3. *Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruhhu minn din il-fakoluta u ghalhekk umilment qed jressaq ir-risposta tieghu ghas-savju gudizzju tal-Qorti;*

*Proceduralment*

4. *Illi qabel xejn din il-vertenza kellha titressaq permezz ta' rikors guramentat wara appozita medjazzjoni u skond il-formalitajiet rikjesti mill-ligi;*

5. *Illi kontestwalment ma din ir-risposta l-esponenti qed jintavola l-ittra tal-medjazzjoni kontra omm il-minuri, l-intimata Talita Chetcuti f'dawn il-proceduri, sabiex jitlob il-kura u kustodja tat-tifla tieghu stante li l-intimata issa iddikjarat li ma ghandhiex aktar interess fil-minuri;*

6. *Illi kontestwalment ukoll qed jsir rikors pendente lite sabiex b'mod immedjat il-minuri tibda tghix ma l-esponenti; Dok A anness;*

*In generali*

7. *Illi l-esponenti kellu u tista' tghid sa certu punt ghad ghandu relazzjoni ma l-intimata Talita Chetcuti u li minn din ir-relazzjoni twieldet bintu Mia fit-13 ta' Settembru 2020;*

8. *Illi r-relazzjoni ma Talita Chetcuti kienet dejjem afflitta minn ivazzjoni totali tal-genituri taghha tant li kienu u ghadhom jaraw lill-xulxin bil-mohbi;*

9. *Illi dan l-indhil jibda fir-relazzjoni taghhom u jispicca fit-trobbija ta' bintu;*

10. *Illi sal-gimgha l-ohra stess l-esponenti ntaqa' mal-intimata Talita Chetcuti u kellhom x'jaqsmu sesswalment ovjament bil-mohbi tal-genituri taghha;*

11. *Illi Talita Chetcuti dejjem tigi mhedda li jekk hija tkompli bir-relazzjoni ma l-esponenti, l-atturi kienu se jkeccuha l-barra mir-residenza taghhom, jehdu l-minuri u ma jibqghux jghatuha flus;*

12. *Illi peress li l-intimata Talita Chetcuti ma tahdimx u ghadha tistudja hija ma kellha l-ebda alternativa ohra ghajr li tahbi r-relazzjoni li hi kellha ma l-esponenti;*

13. *Illi pero l-Talita Chetcuti hija ukoll persuna pussessiva u tghir ghira ezagerata ghall-esponenti liema possessivita u ghera ta sikwiet tissarraf f'glied u firda bejniethom;*

14. *Illi dan ir-rikors huwa xejn hlief stallet go dar l-esponenti u huwa qieghed jopponi bil-qawwa kollha li l-kura u kustodja ta' bintu iddur fuq l-atturi;*

*Fuq ir-rikors*

15. *Illi jidher li l-atturi ghamlu minn kollox sabiex jattawkaw il-karattru ta' l-esponenti u prattikament qed ippinguh bhala kriminal, bhala persuna perikoluza u ta' influenza hazina u dan wara li ghamlu interpretazzjoni*

*disturbata tal-fatti;*

16. *Illi b'referenza ghas-sejbien ta' htija ta' l-esponenti li huwa kellu attivitajiet sesswali ma minuri, dan ma kien xejn hlief ammissjoni li hu kellu relazzjoni ma tfajla meta huwa kellu tmintax il-sena u it-tfajla tieghu fil-mori tal-proceduri kienet ghalqet sittax-il sena. L-applikazzjoni tal-Kap 446 gie fil-fatt applikat bhala piena ghall-ammissjoni ta' l-esponenti;*

17. *Illi rigward ghas-sejbin ta' htija ta' stupru u proceduri ta' traffikat u pussess ta' kokajina, dawn l-proceduri ghadhom sub judice u kull kumment f'dan l-istadju jkun superfluwu. L-atturi jafu ben tajjeb b'dan nonostante cioe qed japprofittaw ruhhom mis-sitwazzjoni;*

18. *Illi l-esponenti jichad bl-aktar mod kategoriku li huwa ttrafika d-droga jew li huwa ihaddem xi escorts services;*

19. *Illi l-esponenti ghalhekk jichad bl-aktar mod kategoriku li huwa persuna kriminali, persuna perikoluza u ta' influenza hazina u r-rikors ta' l-atturi huwa wiehed libeluz fil-konfront tieghu;*

20. *Illi fil-fatt it-tifla ta' l-atturi ghazlet li jkollha relazzjoni ma l-esponenti u ghadha sal-gurnata tallum trid li jkollha relazzjoni ma l-esponenti;*

21. *Illi l-esponenti lanqas huwa bzonn l-atturi sabiex jiehu hsieb lil bintu u ma qed jaghmlulu l-ebda pjecir li bintu qed tirrisjedi maghhom stante li hu kapaci jiehu hsiebha aktar milli huma qed jahsbu;*

22. *Illi fil-fatt dan ir-rikors kien ta' sorpriza kbira ghaliha, qisu berqa fil-bnazzi;*

23. *Illi lanqas huwa vera li l-atturi gew hawn Malta minnhabba it-tarbija tieghu jew it-tqala ta' binthom. Huma gew Malta minhabba l-Covid u bhala fatt l-attur issiefer minn ta l-inqas darba fil-gimgha;*

24. *Illi meta issifer l-attur l-intimata Talita tistiden lill-esponenti d-dar;*

25. *Illi lanqas hemm raguni valida ghalfejn il-minuri ghandha tittiehed mal-atturi Franza. L-esponenti kif diga ntqal aktar il-fuq lest li jiehu r-responsabilita kollha ta' bintu u rabbi lill-bintu hu;*

26. *Illi jekk l-intimata Talita Chetcuti tat il-kunsens taghha lill-atturi sabiex jiehdu hsieb lill-minuri, jhoss li ma ghamiltx sew u hu ma hux lest li jaghmel l-istess;*

27. *Illi llum fil-fatt qed jinduna kemm l-atturi kif ukoll l-intimata Talita Chetcuti ilhom jahdmu minn wara daharu sabiex jiehdu lill-bintu;*

28. *Illi l-esponenti igesti car rental services u ghal grazzja ta' Alla bhala business jmur tajjeb u ma ghandhux bzonn la jittraffika d-droga u lanqas escorts services;*

29. *Illi Alla hares kull minn ghandu sentenza kriminali fil-konfront tieghu ma hux kapaci jrabbi lit-tfal tieghu. Anzi ghal grazzja ta' l-argument hawn minn qatt ma xellef difrejh mal-gustizzja pero huwa l-ghar genitur li jista' jkollu minuri;*

30. *Illi fil-fatt  l-atturi ma jghidu xejn fuq ir-relazzjoni tajba li huwa ghandu ma bintu u kemm bintu tiehu gost bil-prezenza tieghu;*

31. *Illi l-esponenti ghandu relazzjoni tajba hafna ma bintu u bhala genitur responsabli jrid li jiehu hsieba f'dak kollu li hija jkollha bzonn anke bl-eskuzzjoni ta' ommha stante li jidher bic-car li ma hiex kapaci jew ma tridx tiehu hsieb lill-minuri;*

32. *Illi l-minuri qatt ma giet esposta ghal xi perikolu, hajja kriminali jew xi immoralita kif qed jallegaw l-atturi;*

33. *Illi l-atturi jafu ukoll li kull min joghli idejgh ghandu xi xomm u naqsu li jghidu li z-zwieg taghhom kien ghodu wasal fit-tmien minhabba adulterju;*

34. *Illi lanqas ingabet xi prova konkreta li l-benessere tal-minuri b'xi mod gie ipperikolat;*

35. *Illi rigward l-iskambjament ta' messagi bejn l-esponenti u l-intimata Talita dawn il-messagi huma prova cara kemm l-esponenti ma hux persuna perikoluza u la l-atturi u lanqas Talita ma tibza minnu. Dan qed jintqal ghax wara li ntbghatu dawn il-messagi, l-esponenti ntaqa diveri drabi kemm ma Talita kif ukoll ma bintu;*

36. *Illi sahanistra minn dan l-iskambjament ta' messagi johrog car li certu kliem intqal bic-cajt u gie mehud bic-cajt;*

37. *Illi hija infondata l-allegazzjoni li l-atturi qed jibzghu minn l-esponenti. Din hija biss impressjoni li qed jipprovaw jaghtu lill-Qorti;*

38. *Illi lanqas huwa minnhu li l-esponenti ma jikkoperax sabiex jghati l-kunsens tieghu fejn tidhol il-minuri. Hemm differenza bejn li jsemma l-opinjoni tieghu u juri li ma jaqbilx ma certu decisjonjiiet. Finalment il-minuri hija bintu u mhux bint l-atturi;*

39. *Illi l-esponenti kien oggezzjona ghac-child care stante li r-raguni ewlenija kienet li l-atturi u l-intimata ma setghux izommu lill-minuri u ghalhekk riedu li tmur go child care. Ma hu veru xejn li riedu li l-minuri tissocjalizza ma' tfal ohra. Tifla ta' sena u ftit xhur ma tissocjalizzax ma tfal. F'dan l-isfond l-esponenti kien offra ruhhu biex jiehu hsieb hu lill-minuri meta huma ma setghux pero ovjament l-atturi ma riedux;*

40. *Illi huwa kemm xejn redikolu l-argument li gabu l-atturi li l-esponenti huwa persuna manipulattiva u pratikament huwa kliem l-ispettur investigattiv fil-kaz ta' stupru.*

41. *L-esponenti jibqa ukoll imbellah meta jara kif l-atturi jghidu li huwa jinfluenza u jimmanipola lill-binthom meta l-manipolazzjoni gejja minn naha*

*taghhom. Fil-verita l-intimata Talita tghir hafna ghalih u kull draba li jtemm ir-relazzjoni ta' bejniethom, hija tuza lill-bintu sabiex terga tintaqa' mieghu u twaqghu biex ikollu x'jaqsam sesswalment maghha;*

42. *Illi tant hija ossessjonata Talita fuq l-esponenti li hija li tkun trid il-passworld tal-mobile tieghu sabiex toqghod tara ma min jkun qed jitkellem u minn jkun qed jibghat il-messagi lill-esponenti;*

43. *Illi lanqas huwa vera' li kien hu kagun li l-intimata Talita rech ta l-HPV u STI. Li ma jafux l-atturi hu li Talita kellha x'taqsam ma diversi irgiel u bejn 'break down' u 'reconcilation' ta' bejniethom hi kien qed tohrog ma irgiel ohra u kien qed jkollha x'taqsam sesswalment maghhom;*

44. *Illi l-atturi jigdbu ukoll meta jghidu li hu ma ghandux residenza fissa. In-notifika bla ebda diffikulta ta' dan i-rikors igib fix-xejn l-allegazzjoni taghhom;*

45. *Illi tajjeb li l-atturi jkunu jafu li kull darba li l-intimata Talita kellha bzonn anti-depressants u tmur ghand diversi professjonisti, dan kienet taghmlu minhabba l-problema ta' ghera u possessivita li hija kienet tezercita fuq l-esponenti; ;*

46. *Illi hija sorpretendi l-argument ta' l-atturi li huwa lanqas access ma ghandu jkollu ma bintu ghax hu instab hati ta' attivitajiet sesswali ma' minuri u ta' stupru. Kif intqal aktar il-fuq l-attivita sesswali kienet ma tfajla li maghha kien johrog u rigward l-istupru din is-sentenza ghadha ma ghadiex in gudikat;*

47. *Illi huma l-atturi li jimmanipulaw lit-tifla taghhom stess stante li finanzjarjament jidher li ghadha dipendenti fuqhom;*

48. *Illi l-atturi ma qed jaghmlu l-ebda pjecir lilu jekk huma kienu qed jiehdu hsieb lit-tifla tieghu u dan ghamluh ghax riedu huma u mhux ghax ried l-esponenti. Sa fejn jaf hu, kienet decisjoni ta' Talita li l-minuri tghix maghha u kienet*

*obbligu taghha li tiehu hsieb lill-minuri;*

49. *Illi dan ir-rikors huwa wiehed car. L-atturi kif ukoll l-intimata jridu jqactu l-barra lill-esponenti mill-hajja ta' bintu. Din ma hiex decisjoni ghall-benessere tal-minuri. L-atturi jistghu jikkwotaw gurisprudenza kemm jixtiequ ghax l-ebda gurisprudenza ma tghid li l-Qorti ghandha teskludi lil missier mill-hajja ta' bintu dment li l-missier jrid jkun hemm ghal bintu;*

50. *Illi l-ewwel jigi il-missier u mhux in-nanniet ghar-ragunijiet li huma ovvji;*

51. *Ghal kull buon fini qed jigu annessi numru ta' ritratti u video clips sabiex jippruvaw li huwa ghandu qed relazzjoni tajba ma bintu; Dok B;*

Rat ir-risposta ta' Talita Chetcuti datata 5 ta'Jannar 2022, fejn wara li ddikjarat dak premess hija sostniet:

> *"... illi ghalkemm din ma hijiex decizjoni facli, tinsab konvinta illi l-genituri taghha huma l-iktar persuni idoneji u responsabbli bizzejjed sabiex imantnu, jrabbu u jiehdu l-ahjar interessi tal-minuri Mia."*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat ir-rapporti kollha tad-Direttorat;

Rat is-sentenza in parte datata 24 ta' Jannar 2022, fejn din il-Qorti kif preseduta cahdet l-eccezzjoni preliminarja tal-intimat Tyson Grech u ordnat il-prosegwiment tal-proceduri odjerni;

Rat illi fl-udjenza tat-7 ta'Marzu 2022, din il-Qorti ordnat ex-officio il-kjamata in kawza tad-Direttur tal-Harsien tat-Tfal u c-Child Protetcion Services;

Rat illi permezz ta'digriet pendente lite datat 22 ta' Marzu 2022, (vide fol 298 et seq) din il-Qorti kienet ordnat ir-ritorn tal-minuri Mia, lura ghand ir-rikorrenti nanniet materni, u ordnat

il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-minuri u r-rikorrenti kontra l-intimat u li r-residenza tal-minuri Mia ghandha tkun man-nanniet materni.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' April 2022, (vide fol 311) din il-Qorti ordnat illi l-intimat ikollu access taht supervizjoni ta' rapprezentant tal-Appogg darba fil-gimgha ghall-saghtejn fil-bini tal-Appogg;

Rat illi fl-udjenza tas-27 t' Ottubru 2022, din il-Qorti ordnat estensjoni fil-hin tal-access minn saghtejn ghat tlett sieghat (vide fol 647);

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2023, (vide fol 778) l-avukat Dr Luke Valletta, irrinunzja ghall-patrocinju tal-intimata Talita Chetcuti;

Rat ir-rikors tal-atturi konjugi Chetcuti datat 15 ta' Gunju 2023, (vide fol 781) fejn huma talbu illi l-proceduri odjerni jigu estizi u jkunu applikabbli ukoll ghall-minuri Ivy Grech Chetcuti li twieldet fis-26 ta' Frar tas-sena 2023;

Rat illi din il-Qorti laqghet it-talba kif dedotta fir-rikors tal-15 ta' Gunju 2023 seduta stante fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2023; (vide fol 795)

Rat illi Dr Christian Camilleri iddikjara l-provi tad-Direttorat maghluqa fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2023 (vide fol 784 et seq);

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2023, u in vista tat-testimonjanza ta' Andrean Gellel, il-Qorti ssospendiet l-access taht supervizjoni tal-intimat Tyson Grech versu binti Mia;

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2023, din il-Qorti ghalqet l-istadju tal-provi tal-intimat Tyson Grech u dana wara li rat li ma ressaq l-ebda provi minkejja d-diversi opportunitajiet lilu moghtija;

Semghat it-trattazzjoni finali mill-Av. Christian Camilleri, mill-Av. Annemarie Mangion u mill-Av. Roberta Spiteri nhar il-11 ta' Ottubru 2023;

Rat illi Dr Jason Grima ghall-intimat Tyson Grech ma pprezenta l-ebda nota ta' sottomissjonijiet finali ai termini tad-digriet tal-11 ta' Otturbu 2023; (vide fol 827)

**Ikkonsidrat:**

***L-attur George Chetcuti xehed viva voce nhar is- 7 ta' Marzu 2022 (vide fol 228A et seq),*** u spjega illi hu u martu kienu jghixu fi Franza, filwaqt li bintu kienet tghix wahedha fid-dar taghhom Malta. Illi binthom kienet qieghda ddahhal lill-intimat bil-mohbi taghhom f'darhom, u wara ftit hija harget tqila. Binthom kienet marret Franza biex tghidilhom b'din l-ahbar. Huma kienu offrewlha l-ghajnuna u s-support kollu taghhom, u filfatt martu kienet qieghda tigi iktar ta' spiss lura f' Malta tul it-tqala biex tkun ma' binthom, filwaqt li l-intimat kien sparixxa. Izid illi gimgha qabel it-twelied, l-intimat rega tfacca u beda jinsisti li jkun prezenti ghat-twelied minkejja li fil-preparamenti kienet involviet ruhha martu. Bl-ghajnuna taghhom, binthom u l-intimat pruvaw jibnu relazzjoni. Jispjega ukoll illi l-attur rritorna lura Malta qabel it-twelied f' Marzu tas-sena 2020. Jishaq illi hu gab permess specjali biex jahdem minn Malta pero' il-presenza tieghu ghadha rikjesta fi Franza. Jixhed illi huma saru jafu bil-*background* tal-intimat Grech wara t-twelid tal-minuri, u cioe' l-allegati akkuzi kontra l-intimat, fosthom allegazzjoni ta' stupru, pussess ta' arma, u ksur ta' kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest. Meta kienu konfrontawh, hu kien qalilhom li l-kaz dwar l-allegat stupru kien biss gidba tal-vitma u li hu ser jigi liberat. Illi filfatt huma tawh cans iehor u dan minkejja li fl-eta ta' hamsa u sittin sena (65), huma regghu bdew irabbu mill-gdid. Jixhed illi l-attur qatt ma talab manteniment lill-intimat, pero' kien hemm ftit drabi fejn l-intimat kien ghadda xi manteniment lil binthom. Wara t-twelied, hu kien imur ghandhom minghajr hinijiet, u kienu jilqghuh f'darhom, u kienu anke ssuggerewlhom li jsibulhom post u jikrulhom ghal sena, izda meta kienu sabulhom post, l-intimat kien qal lil bintu li tista' tmur tghix wahedha fih, u li hu mhuwiex ha jinbidel la ghaliha u lanqas ghal hadd.

Minn naha taghhom, huma kienu imponew li l-intimat ma jorqodx ghandu, u kienu marru xi darbtejn jorqdu fil-kamra li kellu l-intimat ghand iz-zijiet tieghu, izda binthom bdiet tinnota illi l-interess tal-intimat versu l-minuri beda jonqos u kien hemm perjodu fejn kien jaraha biss darbtejn fix-xahar. Jixhed illi tul ir-relazzjoni u meta kienu ihassru, kien hemm sensiela ta' theddid mill-intimat, lejn binthom u lejhom. Jispjega illi f'Settembru rega' kien hemm insistenza da parti tal-intimat li ried ikun prezenti fil-hajja tal-minuri u ta' bintu, pero' f'dak iz-zmien skopra illi kien gie misjub hati fl-akkuzi tal-istupru, izda kien intavola appell minn

dik is-sentenza. Illi ghalkemm huma kienu pruvaw jifthulha ghajnejha, l-intimata kienet taht l-influwenza tal-intimat Grech. L-attur xehed li bintu kienet qaltilhom li l-intimat kien qalilha li kien jippreferi jara lil bintu fuq santa milli maghhom. Jispjega illi dan id-diskors sar meta l-intimat kien ipprova jgieghel lil intimata tirtira l-affidavit li kienet ghamlet fejn qablet li l-genituri taghha jkunu vestiti bil-kura u l-kustodja tal-minuri. L-intimata kienet irrifjutat.

Meta fethu l-proceduri, l-intimat kien ggieghel lill-intimata titfi s-*security camera,* ghaliex l-intimat jaf minn fejn dawn irridu jintfew, u minkejja li huma wissewha li ma jriduhx id-dar, xorta wahda kien imur ghandhom bil-mohbi taghhom. Izid illi huma inkwetati ghas-sigurta, u l-*well-being* tal-minuri, u huwa ghalhekk li fethu dawn l-proceduri.

Mistoqsi rigward il-medicini li tiehu l-intimata, ir-rikorrenti spjega illi l-intimata hadet sensiela ta' vaccini minhabba l-*STDs,* u anke qieghda tiehu medicina minhabba d-depressjoni.[1]

***L-attur George Chetcuti xehed ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 230 et seq)*** u spjega illi minn mindu twieldet Mia kienu hu u martu li dejjem hadu hsiebha, u li huma assumew l-kura tal-istess minuri stante li l-intimat mhuwiex genitur idonju, u l-intimata binthom, tinsab taht manipolazzjoni assoluta da parti tal-istess intimat, u hija totalment taht l-influenza tieghu.

Izid illi l-intimat huwa *career criminal*, b'sentenzi u akkuzi li jvarjaw minn attivitajiet sesswali ma' minuri, sentenza ta' rape, akkuzi ta' pussess u traffikar tad-droga, pussess ta' armi, ksur ta' *bail,* u anke htief ta' persuna. Illi tenut kont ta'dan kollu u l-fatt li l-intimat qatt ma tghallem mill-izbalji tieghu, certament li mhuwiex persuna li tista' tigi fdata bil-kura u kustodja ta' minuri. Jixhed illi hu u martu jibzghu mill-intimat, ghaliex jafu li theddid tieghu jasal. L-attur jispjega ukoll sensiela ta' theddid li sar fil-konfront tal-intimata binthom da parti tal-intimat, fosthom li jisfiguralha wiccha bl-actu.

Jixhed illi fejn tehtieg il-firma tieghu, l-intimat jirrifjuta li jaghmel dan, u ghalhekk huma ma jistghux ikunu f'sitwazzjoni fejn irridu jaghmlu rikors ghal kull bzonn li jirrigward al-minuri. Jispjega illi huma qieghdin jaghmlu minn kollox sabiex binthom tohrog mir-relazzjoni tossika li ghandha mal-intimat, u sabiex ma tibqax taht il-manipulazzjoni tal-istess intimat.

[1] Vide nota a fol 285 fejn hemm indikat l-medicina li kienet tiehu l-intimata.

L-attur jispejga illi meta giet koncepita l-minuri, huma kienu jirrisjedu gewwa Franza, filwaqt li binthom kienet Malta u kienet qieghda ddahhal fid-dar taghhom lill-intimat minghajr ma huma kienu jafu. Izid illi huma saru jafu bil-*lifestyle* tal-intimat minn semplici *google search* u kienu inhasdu b'dak li rrizulta. Meta kienu ikkonfrontaw lil-intimat, huwa kien assigurahom illi kien ser ibiddel hajtu, izda din kienet biss gidba wahda f'sensiela ta' gideb ohra li qalilhom. Minkejja li huma kienu offrewlhom li jsibulhom post sabiex huma jkollhom il-*privacy* u jibdew jesperjenza *firsthand* it-trobbija u r-responsabbilitajiet li gib maghha, l-intimat qatt ma kien interessat li jsir dan kollu. Illi maz-zmien l-interess lejn it-tifla beda jonqos aktar pero' binthom kienet toqghodlu ghaliex kienet ingenwa.

***Ir-rikorrenti George Chetcuti xehed nhar il-11 ta' April 2022(vide fol 312 A et seq)*** u spjega illi fl-ahhar seduta hu u martu gew rikattati mill-intimat biex huma jwwaqghu l-kawza, inkella l-intimati kienu ser jiehdu lill-minuri u lil binthom mieghu. Jishaq illi hu infurmahom illi ma kienux ser iwaqqghu l-kawza, u kien f'dan l-istadju li l-intimati hadu lill-minuri u ghamlu gimgha shiha, fejn zammewha l' boghod mid-dar tar-rikorrenti. Jinsisti illi l-post fejn marru jirrisjedu l-intimati mal-minuri ma kienx wiehed attrezzat u sigur ghall-minuri. Illi kien ghalhekk illi sar ir-rikors ghar-ritorn tal-minuri, u fuq ordni tal-Qorti, il-minuri giet ritornata lura. Izid illi huma nnutaw li l-komportament tal-minuri kien wiehed differenti hafna, u tilfet ir-rutina taghha kompletament. Jixhed illi nnutaw certu biza' fil-minuri, u li f'dana l-istadju l-intimata hija kompletament manipolata mill-intimat, tant li l-minuri hadet post sekondarju fil-prioritajiet tal-intimata omm. Jixhed **illi wara li rritornaw lura minn Franza, l-intimata infurmathom illi regghet tqila b'wild iehor u dan minkejja li kienet qieghda tiehu medicina qawwija minhabba STDs u li mhuwiex suggerit li persuna tinqabad tqila**. Sussegwentement gew infurmati illi kienet **anke korriet din it-tieni tqala**.

Jispjega illi meta tigi biex izzur lill-minuri, tqatta' hafna hin tinhasel, tiekol, taghmel affarijiet personali taghha, u kienu qieghdin jinnutaw li l-intimata kienet qieghda tkun ghajjiena hafna.

Jixhed illi huwa rrid jirritorna lura Franza, izda ma jistax ihalli lil martu wahedha hawn Malta, anke peress li minhabba avvenimenti recenti, huma ma jistghux jafdaw iktar lill-intimata binthom. Illi minn naha l-ohra l-attur ma jistax jitlef l-impjieg tieghu.

***Ir-rikorrenti Mariella Chetcuti xehdet nhar il-11 ta' April 2022 (vide fol 312G et seq)*** u filwaqt li kkonfermat dak kollu li xehed zewgha, spjegat illi hija inkwetata hafna ghall-bintha

minhabba din ir-relazzjoni tossika li ghandha mal-intimat. Tixhed illi dak kollu li jghidilha taghmel l-intimat, bintha taghmlu, u huma ma jistghux jifhmu kif minkejja li hemm il-minuri tirrisjedi maghhom, bintha u cioe l-intimata xorta tibqa' taghzel li tmur tghix u torqod ghand l-intimat. Ir-rikorrenti tikkonferma illi f'stadju minnhom hija kellha l-permessi necessarji sabiex tiftah *childcare centre* u tishaq illi huma jridu jibghatu lill-minuri f'*childcare centre* ghaliex jaghrfu illi huwa importanti ghall-izvilupp tal-minuri. Ir-rikorrenti tispjega illi hija tiehu hsieb isajjar ghall-minuri, tilghab mal-minuri u tqatta' l-gurnata taghha mal-minuri, traqqadha u tishaq illi hi qieghda taghmel dak kollu li kienet taghmel ma' bintha meta kienet qieghda trabbiha. Izzid illi huma ma jridux li l-minuri titrabba f'ambjent li mhuwiex wiehed idonju ghall-minuri.

***Stefania Calafato Testa, Assistant Registratur Qorti Kirminali, xehdet nhar l-25 ta' April 2022 (vide fol 315A et seq)*** u esebiet zewg sentenzi fil-konfront tal-intimat, wahda moghtija mill-Magistrat Audrey Demicoli datata 2017 u ohra moghtija mill-Magistrat Simone Grech datata 14 ta' Jannar 2023, u verbal datat 24 ta' Jannar 2017, f'kawza quddiem l-Magistrat Donatella Frendo Dimech, fejn il-prosekuzzjoni irtirat akkuza.

***Dr Alexia Aquilina, Assistent Registratur Qrati Civili, xehdet nhar l- 25 ta' April 2022 (vide fol 315C et seq,*** u spjegat illi hi ma tistax tipprovdi l-informazzjoni mitluba mir-Registru stante li l-ligi procedurali tezigi illi tali informazzjoni tintalab permezz ta'rikors intavolat quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja.

***L-attur George Chetcuti prezenta affidavit ulterjuri vide fol 376 et seq)*** fejn zied illi kemm ilha li binthom marret tirrisjedi mal-intimat, qieghda taghti importanza sekondarja lill-minuri b'dana illi l-influenza tieghu fuq binthom wara li hareg mill-habs lahqet il-qofol taghha, tant li kienet qabdet u hadet lill-minuri ghaliex hekk kien qalilha taghmel, qieghda thalli lill-minuri wahedha mieghu, u mhux qieghda tmur tara lill-minuri kuljum, u hafna mill-hin tuzah biex taghmel l-affarijiet personali taghha. Illi l-intimata qieghda tkun ghajjiena b'mod eccessiv, tant li qieghda tispicca torqod fil-karozza ipparkjata quddiemhom. Illi meta qaltilhom li kienet tqila huma inkwetaw hafna ghaliex l-intimata kienet anke qieghda tiehu medicina li mhux suppost ttiehed meta tkun tqila u dan apparti l-fatt li la hi u lanqas Tyson ma kienu responsabbli bizzejjed biex irabbu minuri ohra.

***L-attrici Mariella Chetcuti fl-affidavit taghha a fol 385*** kkonfermat il-kontenut tal-affidavit ta' zewgha, bhala fatti li taf li graw u li taf bihom personalment, u ikkonfermat ukoll l-i*screenshots* tal-*Whatsapp messages* mmarkati bhal Dok A li huma *screenshots* ta' messaggi bejnha u bejn bintha l-intimata.

***L-Ispettur Eman Hayman xehed nhar it-12 ta' Mejju 2022, (vide fol 351A et seq)*** u spjega illi fil-konfront tal-intimat kien hemm allegat stupru, liema rapport iddahhal nhar l-14 ta'Awwissu 2019. Dan il-kaz gie investigat, infethet inkjesta u tressaq il-Qorti. Illi mis-sentenza tal-ewwel Qorti gie intavolat appell. Ix-xhud spjega ukoll illi hu kien involut ukoll f' kaz li kien qieghed jitmexxea mill-Ispettur Ransley, fejn l-involviment tax-xhud kien limitat ghal digriet fuq il-liberta provvizorja. Ix-xhud prezenta process ta' kumpilazzjoni, u ukoll tliet sentenzi minn Magistrati differenti, li jirrisalu ghas-sena 2019, 2017 u 2016. Illi ix-xhud jikkonferma illi hemm rapport voluminuzi fir-rigward tal-intimat.

***L-Ispettur Jonathan Ransley, xehed nhar it-12 ta' Mejju 2022 (vide fol 351D et seq)*** u esebixxa l-fedina penali tal-intimat. Ix-xhud zied illi l-intimat kien gie investigat fi Frar tas-sena 2021 fir-rigward droga u anke traffikar. Il-kaz ghadu sub judice. Illi f'Settembru tas-sena 2021, kien anke gie akkuzat bi ksur ta' kundizzjonijiet ta' liberta' provizorja.

***Stefania Testa Calafato, Assistant Registratur Qorti Kirminali, xehdet nhar it-12 ta' Mejju 2022 (vide fol 351F)*** u esebiet sensiela dokumenti ohra, relatati ma' proceduri quddiem l-Imhallef Grixti.

***WPC 2153 Sasha Vassallo xehdet nhar l-10 ta' Ottubru 2022, (vide fol 644 et seq)*** u esebiet sbatax (17) –il rapport fil-konfront tal-intimat (Dok SV1-17).

***PC 330 Rodney John Azzopardi xehed nhar l-10 ta' Ottubru 2022 (vide fol 644 et seq)*** u prezenta zewg rapporti li saru fil-konfront tal-intimat. (Dok RA1, 2).

***L-attur xehed nhar is-27 ta' Ottubru 2022, (vide fol 651 et seq)*** u spjega illi l-ahhar rapport tad-Direttorat mhuwiex fattwali, b'dana illi kien hemm certu affarijiet li ma gewx indikati. Illi minkejja li huma kien infurmaw lil ufficjali li jkunu qieghdin jaghmlu supervizjoni waqt l-access li jkun ahjar jekk il-minuri ma tinghatax cikkulata filghodu minhabba li dan ittellef mir-rutina tal-minuri, ghaliex imbaghad kienet taqbez l-ikla ta' nofsinhar. Izid illi in-nanna dejjem

tiehu hsieb li tibghatilha frott, hobza u anke xi *snack* maghha ghal waqt l-access. Ix-xhud jishaq illi minn ghoxrin vista, l-intimat falla erba', izda fir-rapport, din in-nuqqas ta'attendenza giet kwazi kwazi gustifikata. Ix-xhud jispjega ukoll illi kien hemm drabi fejn il-minuri kienet qieghda torqod waqt l-access, izda huma jsiru jafu biss b'dan b'kumbinazzjoni, wara li jinnutaw bidla fir-rutina normali tal-minuri u jishaq illi huma ghandhom jigu infurmati b'dan. Izid ukoll illi kien hemm ukoll rapport ta' vjolenza domestika kontra omm il-minuri, u cioe kontra Talita Chetcuti, u li huma dan kollu saru jafuh minghand habiba tal-intimata, certu Samaria Sammut. L-attur isostni illi hija l-intimata li hija vittma ta' domestika vjolenza u dana jirrizulta mill-iskambju ta' messaggi bejnhom u Samaria, liema messaggi gew esebiti mill-istess attur.

***L-intimat Tyson Grech xehed nhar it-23 ta' Novembru 2022 (vide fol 666A et seq),*** u spjega illi illum ghandu sebgha u ghoxrin (27) sena u apparti Mia, qieghed jistenna tarbija ohra minn l-intimata Talita Grech. Jixhed illi meta twieldet Mia, kienet Talita li kienet tiehu hsieb lit-tarbija, u hu kien imur kuljum u jaghmel sa nofsilejl jew is-siegha ta' filghodu ma' Talita ghand il-genituri taghha. Talita kienet traqqad lill-minuri maghha, u kollox Talita kienet taghmel ghall-minuri. Hu kien jahsel lit-tarbija, jilghab maghha, u anke jraqqadha. Meta imbaghad rega fetah l-*airport* u n-negozju tieghu rega' ha spinta, kienu jiltaqghu hu u Talita, bejn tlett darbiet u erba' darbiet fil-gimgha. Jishaq illi hu u Talita dejjem kienu jifthemu fuq l-access, u qatt ma kellu jaghmel rikors biex jara lill-minuri.

Meta marru l-Isla, kien perjodu fejn hu u Talita kienu ddecidew li jaghmlu l-pass li jmiss, u jmorru jghixu flimkien, u ma' Talita ovjament giet il-minuri. Jispjega illi hu kien anke ghamel *playroom* ghall-minuri, u anke kien ha hsieb jaghmel dak kollu necessarju fid-dar minhabba s-sigurta tal-minuri. Jikkonferma illi l-Isla damu madwar xaharejn. Jishaq illi qatt ma kellhom problemi biex irabbu lill-minuri, u kien propju ghalhekk li xtaqu tarbija ohra.

Fir-rigward il-kumpanija tieghu tal-*car hire*, jixhed illi l-intimata qieghda tghinnu fin-negozju tieghu, u tghinnu fil-*paperwork*, pero, l-intimata hija libera li tqatta' hin kemm trid mieghu fil-kumpanija, u jzid illi hi kienet tmur ix-xoghol tghinu biex anke ikunu iktar hin flimkien. Jispjega illi hu u l-intimata qieghdin flimkien ghaliex iridu lil xulxin u mhux sempliciment minhabba l-minuri. Ir-relazzjoni taghhom ormai hija wahda stabbli u miexja l' quddiem u kien ghalhekk li issa krew post l-Imqabba, b'zewgt ikmamar tas-sodda, ghat-tfal. L-intimat jinnega illi huwa ghandu xi poter specjali fuq l-intimata, u jixhed illi qieghda mieghu ghaliex trid hi u

mhux ghax hemm xi impozizzjoni minn naha tieghu. Izid illi argumenti u glied ikollhom bhal kull kopja. Fir-rigward ta' Mia, l-intimat jispjega illi hu jixtieq li huma jkunu bhala familja, u jekk ma jibqaghx ma Talita, huwa xorta wahda jrid li jkun prezenti fil-hajja tal-minuri, u lest li jibqa' jiggieled ghaliha anke wahdu. Jirrileva illi hu ghandu relazzjoni tajba hafna mal-minuri u li dan jistghu jikkonfermawh il-haddiema socjali li jkunu mieghu waqt l-access, u jzid illi hu jbiddilha, jaghtiha tiekol, iraqqadha u jaghmel dak kollu li hemm bzonn, u li waqt l-access jipprovdi numru ta' gugarelli biex it- tifla tkun libera taghmel dak li tixtieq.

Jispjega illi wara li ngibdet l-attenzjoni fuq ic-cikkulata ma baqax jaghtiha cikkulata, ghalkemm huwa kien jaghtiha ic-cikkulata kif tiekol l-ikel li jkunu tawa l-atturi, bhala treat. Izid illi huwa ma jafx ghalfejn ir-rikorrenti qieghdin jghidu li jibzghu minnu, ghaliex hu qatt ma heddu, anzi meta kien ghadu jidhol id-dar ghandhom, kienu jghinu kull darba li talbu jew xtaq ghajnuna minghandu f'xi affarijiet tad-dar. Jishaq illi l-attur hadlu lil bintu u xorta qatt ma heddu, u meta baghatlu xi messaggi kien biex jiefqu jiggieldu ma' Talita.

Fir-rigward il-flat li offrewlhom, l-intimat jixhed illi dak iz-zmien ir-relazzjoni tieghu ma' Talita ma kienitx wahda stabbli kif inhi llum, u hu u Talita kienu ghazlu li ma jiehdux din l-offerta, u jhallu iktar zmien jghaddi. Mistoqsi x'inbidel minn dak iz-zmien l'hawn, l-intimat jixhed illi hu ma jafx ghalfejn l-atturi ma jridux lil Mia tkun maghhom. Izid li fil-passat l-attrici kienet tara rgiel ohra. L-intimat jikkonferma illi din hija xi haga li verament grat fil-passat qabel ma twieldet Mia madwar sena u nofs, sentejn qabel twieldet il-minuri. Izid ukoll illi huwa jaf li kif il-minuri tinqaleb fuq il-kustodja tal-atturi, l-attur jiehu *allowance* bhal ma kien jiehu meta Talita kienet ghadha l-iskola.

L-intimat jaghmel referenza ghal episodju minnhom watq l-access fejn it-tifla waqghet u girfet saqajha. L-intimat jispjega illi z-zarbun li kienet bih il-minuri, kien zghir wisq ghaliha. Jixhed ukoll illi l-bejt tal-atturi ma kienx sigur ghall-minuri, u dana minhabba tavlun li kien hemm fuq il-bejt. L-intimat ghamel diversi allegazzjonijiet dwar l-atturi, u cioe' li nnota harqa zghira fuq il-minuri, li setghet saret minn *cigarette burn* tal-attur.

Mistoqsi fuq il-kaz, fejn kien hemm akkuzi ta' natura sesswali li huwa res judicata, l-intimat jispjega illi dak iz-zmien hu kellu dsatax (19) – il sena u kien johrog ma' din it-tfajla li kellha sittax (16) u kienet ser taghlaq sbatax (17) il sena. Huma kellhom relazzjoni, u kienu damu johorgu flimkien madwar erba' (4) jew hames (5) xhur. Il-genituri taghha ma ridux li jkollha

x'taqsam ma' guvintur, u ommha kienet ghamlet rapport. Sussegwentement hu kien gie arrestat, u kienu resquh il-Qorti. Jishaq illi kieku din grat illum ma kien jigri xejn peress li giet ridotta l-eta tal-kunsens. Hu kien ammetta ghaliex effettivament hu kien gharus ma' din it-tfajla, u filfatt kif inqatghet is-sentenza, huma kienu komplew bir-relazzjoni taghhom ghaliex it-tfajla kienet lahqet ghalqet tmintax (18)-il sena. Jikkonferma illi kien wehel *conditional discharg*e. L-intimat izid illi kien ukoll wehel xi hamsin ewro (Eur 50) multa ghaliex kien qieghed jahdem bla ktieb tax-xoghol, u xi multi ohra ghaliex ma kienx deher ghal xi seduti.

Mistoqsi fuq in-negozju tieghu, l-intimat jispjega illi qabel bdiet il-Covid hu kien diga' jahdem fil-*car hire* u xtaq li jiftah ghar-rasu. Ma' min kien jahdem kien qallu biex isib *franchise*, u filfatt kien irnexxilu jsib *franchise* u gabha hawn Malta. Inghata hamsin karozza bid-dejn liema dejn huwa hallsu kollu. Illum ghandu hamsin karozza li huma tieghu u ghandi zewg *franchises*. Izid illi qieghdin jippruvaw igibu iktar karozzi halli jkabbru in-negozju. Rigward it-tieni tarbija, l-intimat irrileva illi hu u Talita diga' ftiehmu fuq kif ser jaghmlu habba x-xoghol, u li huma ser jixtru kull ma huwa mehtieg ghat-tarbija. Izid illi l-minuri Mia ghandha tigi fdata lilhom, u billi huma ghandu xi kawzi pendenti, dan ma jfissirx illi mhuwiex kapaci irabbi lit-tfal u filfatt hadd qatt ma akkuzah illi ma hadux hsieb lill-minuri, jew li weggaha. Jishaq illi hu u Talita kapaci irabbu lil uliedhom wahedhom.

In ***kontro-ezami***, mistoqsi kif jispjega l-incidenti ta' vjolenza li kien hemm ricentement bejnu u Talita, fejn Talita anke cemplet lil habiba taghha ghall-ghajnuna, ix-xhud ghazel li ma jwiegibx. Jikkonferma illi huwa hareg mill-habs f'Jannar u Mia marret lura man-nanniet f' Marzu. Meta gie suggerit lill-intimat illi kienu biss ftit granet li hu ghex ma' Talita u l-minuri l-Isla, l-intimat rrileva illi madwar sitt gimghat u mhux biss granet. Mistoqsi jekk qattx ghadda manteniment lill-atturi, sostna illi l-atturi qatt ma talbuh flus, u kienu huma li qieghdin jitolbu l-kura u kustodja tal-minuri, ghaliex hu lit-tifla jridha mieghu. L-intimat cahad li huwa involut f'xi cirku ta' prostituzzjoni jew li huwa qieghed ihaddem xi cirku ta' dan it-tip. Mistoqsi fuq it-tavlun li hemm fuq il-bejt u jekk it-tifla f'dik l-okkazzjoni jekk kienitx akkumpanjata, l-intimat jishaq illi l-periklu xorta wahda kienet qieghed hemm pero' jikkonferma li kien hemm in-nanniet maghha f'dik l-okkazjoni. Mistoqsi fuq il-harqa li saret referenza ghaliha fit-testimonjanza tieghu, u jekk jafx li dik il-harqa giet certifikata bhala harqa ma' tagen, l-intimat isostni illi l-minuri qatt ma kellha tkun qieghda hdejn in-nar.

***Samaria Sammut, xehdet nahr is- 7 ta'Novembru 2022 (vide fol 671 et seq)*** u muriha d-dokument bl-iskambju ta' messaggi bejnha u bejn l-attur, ix-xhud ikkonfermat li din hija konversazzjoni bejnha u George Chetcuti, u cioe l-attur. Ix-xhud ikkonfermat illi l-messaggi mibghuta minnha huma dawk fil-"bubble" il-grizi, filwaqt li l-blu huma tal-attur. Ix-xhud tikkonferma illi l-iskambju ta' messaggi fuq it-tieni pagna, huma konversazzjonijiet li x-xhud kellha ma' Talita, li hija baghtet lill-attur sabiex tibghatlu l-indirizz. Ix-xhud tikkonferma illi l-messaggi bl-ahmar huma taghha filwaqt li l-grizi huma ta' Talita.

Ix-xhud spjegat illi hija ma tghix Malta, u Talita kienet cemplitilha u talbitha biex ccempel lill-pulizija, kemm f' Lulju u anke f' Ottubru. Peress li hija ma tghix Malta hija ma setghatx iccempel 112 ghaliex ovjament kienet ser taqbad mal-awtoritajiet Ollandizi u mhux dawk Maltin, u ghalhekk iddecidiet li tibghat lil missier Talita u cioe lill-attur, biex jaghti l-ghajnuna lil Talita. Ix-xhud tixhed illi Talita talbitha l-ghajnuna wara li kien hemm argument bejn Talita u Tyson, u **Talita kienet qaltilha li kellha xi daqqiet b'xi mus jew sikkina imma li ma kienux fondi.**

In ***kontro-ezami,*** ix-xhud ikkonfermat illi hi tkellimha kuljum lil Talita, u kienu anke tkelmu fuq dan l-incident. Mistoqsija jekk taf li Talita ghadha f'relazzjoni mal-intimat, ix-xhud tikkonferma dan u tikkonferma illi qieghdin anke jghixu flimkien, pero' x-xhud ma tikkonfermax jekk ir-relazzjoni hijiex sejra tajjeb ghaliex hi ma tkunx maghhom. Mistoqsija jekk qattx kelmet lill-intimat, ix-xhud tindika illi gieli kelmitu u li fil-passat gieli rat lil Talita u lil Tyson flimkien.

Ix-xhud tikkonferma illi hi kienet infurmat lil Talita li kienet ser tikkomunika ma' missierha meta Talita talbitha l-ghajnuna, u tispjega illi wara l-ewwel incidenti, kienet infurmat lil Talita li kienet hassitha skomda peress li minn fejn qieghda hi ma setghatx ccempel imkien u kienet avzatha li jekk ser jerga' jigri xi haga hekk, hi kienet ser ccempel lill-genituri ta' Talita mill-ewwel. Mistoqsija jekk tafx ghalfejn kien inqala dan l-incident, ix-xhud tishaq illi ma tiftakarx ghalfejn kien beda, izda sa fejn taf hi l-minuri ma kienitx prezenti.

Mistoqsija x'kienet ir-raguni ghalfejn Talita ma kienitx cemplet hi lil Pulizija, ix-xhud tishaq illi ma tafx x'kienet ir-raguni, pero meta kien hemm it-tieni incident, u cioe dak ta' Ottubru, ix-xhud tishaq illi Talita kienet cemplet lil Pulizija izda ma kienux marru mal-ewwel u ghalhekk cemplet lilha.

***Andreana Gellel, xehdet nhar it-22 ta'Marzu 2023, (vide fol 727 et seq)*** u kkonfermat illi d-Direttorat prezenta zewg noti; wahda fil-15 ta' Frar tas-sena 2023 *a fol 699,* fejn gie indikat illi kien hemm nuqqas ta' attendenza minn naha tal-missier minghajr ma kien qieghed jinfurmahom, u filfatt f'dan ix-xahar rega' gara l-istess. Ix-xhud tispjega illi ma jkunx hemm pre-avviz da parti tal-missier, huma jsiru jaf dak il-hin stess li ma jkunx ser jattendi ghall-access. Ix-xhud tispjega illi huma infurmati minn terzi illi kien hemm drabi fejn l-intimat kien ma jiflahx u anke kien *positive* ghall-*covid*, pero' qatt ma inghataw certifikati. Ix-xhud tishaq illi in-nuqqas ta' attendenza regolari da parti tal-missier, mhijiex qieghda tghin lit-tifla apparti li qieghdin jinhlew risorzi umani inutilment.

Fir-rigward l-omm, ix-xhud tindika illi hemm bzonn li jsir assessjar tal-hiliet tal-omm li tiehu hsieb zewg minuri, specjalment issa li ghadu kif kellha tarbija, u li qieghda tirrisjedi wahedha wara li hija tterminat ir-relazzjoni taghha minn mal-intimat. Ix-xhud isostni illi l-minuri ghandha bzonn *pattern* u rutina regolari u konsistenti ghaliha biex huma jkunu jistghu jghinuha. Ix-xhud tikkonferma illi jidher illi l-minuri qieghda tara lil omm kuljum u li s'issa kienu in-nanniet materni li dejjem kienu konsistenti fil-kura tal-minuri u kien ghalhekk illi hi kienet issuggerit illi l-minuri tibqa' fil-kura taghhom.

In ***kontro-ezami,*** mistoqsija tikkonferma illi hemm skambju ta' messaggi bejn l-intimat u d-Dipartiment, li hu ma jkunx jista' jattendi ghall-access minhabba li jkollu l-Qorti, ix-xhud tishaq illi kien hemm messagg wiehed fejn infurmahom b'dan, izda fin-noti li gew prezentati fi Frar u Marzu hemm *records* tal-attendenza u r-ragunijiet ghan-nuqqas ta' attendenza meta inghataw raguni. Ix-xhud tichad li l-intimat kien infurmahom li kien gie *Covid positive,* u spjegat illi huma saru jafu *tramite* in-nanniet wara li n-nanniet saru jafu mill-isptar u l-messagg li inbaghat mid-Dpartiment sabiex l-intimat igib prova li l-intimat huwa *Covid negative,* jirrisali ghat-tieni gimgha li ma kienx attenda ghall-access.

***L-intimata Talita Chetcuti xehdet nhar is-26 ta' April 2023, (vide fol 752 et seq)*** u spjegat illi r-relazzjoni taghha mal-intimat bdiet madwar erba' (4) snin ilu u li minn din ir-relazzjoni kellhom tifla, Mia li twieldet fit-13 ta' Settembru 2020. Dak iz-zmien hi kienet ghadha tghix mal-genituri taghha, u kienet ghadha tistudja u anke kienet tahdem xi ftit sieghat. Tixhed illi meta kellha hames (5) xhur tqala b' Mia, kienet iddecidiet li twaqqaf ir-relazzjoni taghha minn mal-intimat peress illi hi bdiet tara illi ma kienux kompatibbli, u kienu zewg persuni wisq

differenti. Tikkonferma illi l-intimat kien prezenti ghat-twelied ta' Mia, u wara li twieldet il-minuri, kien imur ghand ommha kuljum, bdew iqattghu hafna iktar hin flimkien, kien jiehu hsieb lill-minuri, jghin bil-bottles. L-intimat kien juri interess u kienet iddecidiet li jergghu jaghtu cans iehor lir-relazzjoni taghhom. Dan kien f'Settembru tas-sena 2020, pero' f'Dicembru tal-istess sena, regghet waqfet ir-relazzjoni peress illi kienu qieghdin jiggieldu hafna, anke ma kienux jaqblu fuq affarijiet li jirrigwardaw il-minuri, kwistjonijiet fuq tfajliet ohra u infedelta'. F'dan il-perjodu l-intimata baqghet tghix mal-ġenituri taghha. Illi pero' xorta wahda kienet tibqa' tohodlu lill-minuri u anke l-intimat baqa' juri interess fil-minuri, ghalkemm dan l-interess ma kienx dejjem kostanti.

Izzid illi l-ġenituri taghha kienu hargu bl-idea li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun f'idejhom b'mod temporanju, u ghalkemm hija ma kienitx qablet ma' din id-decisjoni, huma kienu hassew li din kienet l-ahjar decisjoni ghall-minuri. Dak iz-zmien, l-intimata tispjega illi hi ma kienitx finanzjarajment indipendenti u kienet ghadha qieghda tistudja, u kienet anke qieghda tiehu xi *anti-depressants* wara li waqfet ir-relazzjoni taghha minn mal-intimat. L-intimata tispjega illi llum hija segwita minn terapista, Maria Jones.

Tixhed illi hi kienet iffirmat karta quddiem Nutar illi meta hija tkun finanzjarjament indipendenti, ikollha residenza taghha, il-ġenituri taghha kienu ser jergghu jcedu lura lill-minuri fil-kura u kustodja taghha. Illum il-gurnata tispjega illi hi finanzjarjament indipendenti u ghandha kumpanija ta' *car hire* gewwa l-ajruport, u anke gradwat bhala nutar. Tispjega illi ghalkemm hija xorta wahda baqghet prezenti fil-hajja tal-minuri, ommha u missierha qatt ma hallewha tmur imkien bil-minuri wahedha, ghaliex huma kienu jibzghu li ser tiltaqa' mal-intimat bil-mohbi taghhom. Illi din baqghet tippersisti anke wara, fejn il-minuri kienet tispicca tqatta' gimgha shiha d-dar ghaliex ma kienux ikunu jridu li l-intimata tohrogha wahedha, u kien hemm ukoll okkazzjoni fejn ma gietx infurmata illi t-tifla kienet wegghet.

Isostni illi llum il-gurnata jiddispjaciha illi ffirmat dak l-affidavit[2] fejn cediet il-kura u kustodja lill-ġenituri taghha u llum ir-relazzjoni taghha mal-ġenituri taghha m'ghadhiex daqshekk tajba. Illi madwar sena ilu, u cioe f' April tas-sena 2022, spjegat illi hi u l-intimat kienu regghu bdew relazzjoni, u kienu ddecidew li jmorru jghixu flimkien, u kienu sabu post l-Imqabba. Tikkonferma illi Mia ma kienitx tghix maghhom, u li Mia kienet biss maghhom meta kienu qieghdin jghixu l-Isla ghand xi qraba tal-intimat. Tishaq illi hi dejjem pruvat li Mia jkollha

[2] Vide affidavit a fol 58 tal-atti.

familja b'zewg ġenituri u kien għalhekk li pruvat terġa' tirranġa mal-intimat, iżda din qatt ma fehmuha l-ġenituri tagħha. Illi sussegwentement, hi reġgħet harget tqila, izda kienet korriet fil-bidu, ta' xi sitt (6) ġimgħat tqala, u spjegat illi dak iz-zmien kien ikollha hafna argumenti mal-genituri taghha, u kien qiegħed joħloq ħafna stress fl-attrici. Illi peress li dejjem xtaqu li Mia ikollha ohtha, eventwalment kienet regghet harget tqila. [3]

Tispjega illi tul il-perjodu fejn hi kienet qieghda tghix l-Imqabba ma' Tyson, hi kienet tmur kuljum tara lil Mia ghand ommha, u kienet tqatta' hafna hin maghha izda fl-istess hin kienet tipprova ssib bilanc bejn hin ghal mat-tifla u hin ghal mal-intimat, biex ir-relazzjoni taghha mal-intimat tibqa' wahda tajba. Illum il-gurnata qieghda toqghod f'appartament mikri hames (5) minuti boghod mid-dar tar-residenza tal-genituri taghha.

Mistoqsija jekk l-intimat qed ihallas manteniment ghall-minuri, l-intimata twiegeb fl-affermativ fl-ammont ta' EUR 200 fix-xahar. Tishaq illi llum li hemm hafna frustrazzjoni, da parti ta' missierha, missierha m'ghadux jifhima daqshekk lill-minuri. L-intimata rrilevat illi tara lill-minuri kuljum, u taraha liberalment mhux f'hinijiet fissi, izda generalment tmur ma' ommha tigborha mic-*childcare* xi 12:30 u taghmel maghha sa flghaxija sa xit-tmienja (8) jew id-disgha (9). L-intimata tishaq illi hi ma tarax ghalfejn hi m'ghandhiex ikollha l-kura u kustodja tal-minuri, u ghalkemm taf li ser tkun difficli tiehu hsieb zewg minuri ta' eta tenera, lesta u kuntenta li taghmilha u llum hija persuna matura.

In ***kontro-ezami,*** mistoqsija fuq il-kawzi kriminali li hemm kontra l-intimat missier il-minuri, u l-effett ta' dan, l-intimata 4tirrileva illi hi tista' titkellem biss fuq dak li rat b'ghajnejha, u cioe li l-intimat dejjem ha hsieb lill-minuri, u dak iz-zmien dejjem wera interess fil-minuri.

***L-intimata xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 749 et seq)*** u filwaqt li dak li xehdet *viva voce* gie kkonfermat f'dana l-affidavit, sostniet illi hi ma kienitx manipulata mill-intimat izda sempliciment pruvat li jkunu familja u li hi determinata li taghmel dak kollu li hemm bzonn fl-interess ta' Mia u li hi taderixxi ma' dak ordnat mill-Qorti. Izzid illi hi qatt ma ghamlet xejn hazin biex ttiehdilha l-kura u l-kustodja tal-minuri, izda kienet ir-relazzjoni taghha mal-intimat li wasslet ghal dan kollu.

[3] L-intimata, meta mistoqsija ripettutament fuq jekk kienx hemm vjolenza da parti tal-intimat fuq il-persuna taghha, hija ghazlet li ma twiegibx.

***Andreana Gellel riprodotta nhar it-22 ta' Gunju 2023 (vide fol 785 et seq)*** u spjegat illi hi giet involuta f'dan il-kaz, f'Marzu tas-sena 2022, wara li l-minuri Mia marret tghix man-nanniet materni, fejn hi kienet giet appuntata sabiex taghmel *assessment*. Ir-rapport taghha gie prezentat f' Mejju ta' dik is-sena u indikat illi l-iktar fatturi li bhala Direttorat kienu jikkoncernawhom, kienu l-akkuzi, l-proceduri kriminali u s-sentenza li kienet inghatat kontra l-intimat missier il-minuri. Illi ukoll kien hemm thassib fuq l-imgieba tal-omm, u l-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika fuq l-omm, u l-hiliet tal-genituri. Tishaq illi hi tkellmet fit-tul mal-intimat, **pero' l-intimat dejjem iggustifika kollox, u stqarr illi hu qatt ma kellu tort, u kien jitfa' r-responsabilta' fuq ic-cirkostanzi jew fuq haddiehor**. Illi fir-rigward is-sentenza li inghat fuq akkuzi kontrih ta' stupru, l-intimat kien rrileva maghha illi li kieku inghata wara d-data li inghata ma kienx jinstab hati u dana peress li l-eta' tal-kunsens giet redotta. Ix-xhud tispjega illi l-intimata omm kienet tiggustifika l-imgieba vjolenti tal-intimat minhabba li hu kien trabba f'sitwazzjoni ta' familja differenti minn taghha, u ghalhekk ma kellux gwida u l-imhabba bhala tifel u kienet temmen li hi ser taghmel differenza fil-hajja tieghu u li ser jinbidel.

Mistoqsija jekk l-intimata informathiex bil-korreiment *(miscarriage)*, ix-xhud spjegat illi meta kienet staqsitha fuq dan, **l-intimata nnegat kollox maghha.**

Ix-xhud xehdet illi wara t-twelied tal-minuri, Ivy, hi rat lill-intimata tinbidel, fejn bdiet taghraf illi l-intimat mhuwiex ser jinbidel, u li hi ghandha bzonn taghmel xi haga. Illi pero' xorta wahda kienet tkun xi ftit passiva, u anke baqghet f' kuntatta kontinwu mal-intimat **anke minhabba ragunijiet ta' xoghol peress li l-intimata ghadha tidher bhala s-sid tal-kumpanija tal-intimat**. Ix-xhud spjegat ukoll illi hi ghandha l-hsieb illi **l-intimata tibza' tiftah qalbha** maghha peress li dak kollu li tghidilha jigi mwassal fil-kawza u ghalhekk l-intimat jigi a konoxxenza ta' kollox. Izzid illi f'dan il-punt bhala **Direttorat, huma tal-fehema illi l-minuri Mia u Ivy jkun ahjar li jkunu man-nanniet.**

***Ri-prodotta nhar l-10 ta' Lulju 2023, Andreana Gelell, (vide fol 796 et seq)*** ikkonfemrat illi **l-access b'supervizzjoni ma' Mia ilhom ma jsiru minn Frar tas-sena 2023**, **u minn dak iz-zmien l'hawn ma saritx lanqas wahda.** Minn naha tad-Direttorat, huma jibghatulu messaggi kull gimgha biex jaraw jekk jikkonfermax, u l-intimat gieli jikkancella ghaliex jghid li ghandu x-xoghol izda **hafna drabi ma jwiegeb xejn.** Fir-rigward tal-omm, ix-xhud tikkonferma illi l-omm tmur kuljum tara lill-minuri ghand il-genituri taghha.

***Talita Chetcuti xehdet nhar l-10 ta' Lulju 2023, (vide fol 798 et seq)*** u spjegat illi hi kienet harget tqila b' Mia wara biss ftit gimghat li kienet saret taf lill-intimat. Tishaq illi dejjem baqghet f'kuntatt mal-intimat anke meta tterminat ir-relazzjoni taghhom, u kienet anke gieli turih lit-tifla. Kien hemm zmien fejn kienu qatghu kwazi kompletament kull kuntatt u dan kien meta Mia kellha madwar sena, anke peress li hu kien gie arrestat, fejn kien ghamel madwar gimghatejn arrestat pero' wara kien rega' mar ikellimha. Illi ghajr dawn il-gimghatejn, kienu baqghu jitkellmu anke minhabba t-tifla peress li hi qatt ma xtaqet illi taqta' l-kuntatt kompletament. Illi minn hemm l-intimat kien dejjem juriha interess biex huma jergghu jirrangaw u li jergghu jkunu familja. Illi filfatt meta Mia kellha sentejn kienu regghu bdew bir-relazzjoni taghhom, pero' imbaghad ir-relazzjoni kienet iddeterjorat b'hafna glied, dejjem l-istess problemi, divergenzi f'opinjonijiet, u nisa ohra minkejja li l-intimat qatt ma ammetta dan. L-intimata tispjega illi kien hemm certu sinjali bhal qatt ma kien jaghtiha l-*mobile,* dejjem jahbi l-*mobile,* meta kienet tqila kien johrog u jhalliha wahedha.

Fir-rigward ir-rapporti maghmulha minnha kontra l-intimat, l-intimata spjegat illi hi ghamlet zewg rapporti; darba minnhom kienu iggieldu fuq xi haga li ma tiftakarx, u kienet issakkret fil-*bathroom*. Dak iz-zmien kienu ghadhom joqghodu ghand iz-zijiet tal-intimat l-Isla. **<u>L-intimat kien dahal fit-*toilet* minn go tieqa u kien ta b'xi haga li ma tiftakarx x'kienet, u kien immarkalha idejha</u>**. Id-dar kien hemm zijuh u anke zijtu u kienet qaltilhom li ser iccempel lil Pulizija, u taghmel rapport. Mistoqsija minn din il-Qorti jekk kienx hemm drabi ohra fejn qalghet xi daqqiet ohra minghand l-intimat, l-intimat tikkonferma **illi gieli kien hemm drabi ohra, fejn kien jaghtiha b'idejh, bil-ponn, gieli f'idejha, f'ghonqha, zaqqa u anke f'sieqha. <u>Tikkonferma illi waqt it-tqala ta' Ivy, fil-bidu kien anke ta bil-ponn fuq zaqqha</u>, izda kienet baqghet fir-relazzjoni**, u baqghet tghix mieghu anke wara l-episodju li kien gara ghand iz-zijiet tieghu. Illi t-tieni darba kienet ghadha tqila b' Ivy u kienu iggieldu minhabba lil-intimat kien qieghed johrog ta' spiss, fejn hi kienet qaltlu illi jekk ma jigix lura d-dar hi kienet ser issakkar il-bieb. Meta gie hi ma riditx tiftahlu l-bieb, u kienet cemplet lil habiba taghha Samaria Sammut biex iccempel lil Pulizija. Samria kienet cemplet lill-genituri taghha. Illi eventwalment kienu gew ukoll tal-RIU u meta kienu staqsewha tridx taghmel rapport, hi kienet irrifjutat peress li meta ghamlet l-ewwel rapport, ma kien gara xejn. **Mistoqsija jekk kien hemm iktar incidenti fejn hija ma rrapurtatx, l-intimat tikkonferma dan u spjegat illi kien hemm zgur hames (5) darbiet ohra.** Tikkonferma illi hafna mill-glied kien jinqala'

ghaliex l-intimat kien johrog ta' spiss wahdu, u minhabba nisa ohra. Mistoqsija jekk l-intimat qatt aggredixxa lill-genituri taghha jew lill-minuri, hija tindika li dan qatt ma gara.

L-intimata spjegat illi meta iltaqghet mal-intimat, kien ghadu pendenti il-kaz ta' stupru, u li fil-prezent, il-kaz gie deciz mill-ewwel Qorti fejn instab hati izda ghadu mhux deciz mill-appell. Illi wara dan il-kaz, l-intimata ziedet illi taf li kien hemm xi kas fuq id-droga u iehor fuq xi htif ta' persuna. Tispjega illi kien l-intimat li kien jghidilha b'dawn il-kazijiet.

Tishaq illi tul dan l-ahhar perjodu, u cioe tul dawn l-ahhar tliet gimgha, hi qatghet minn mal-intimat, u la ghadhom jiltaqghu, u lanqas jitkelmu, u kien biss rarament li jistaqsi fuq Ivy. Fir-rigward is-*superivised access*, l-intimata tispjega illi l-intimat kien qalilha li ma kienx qieghed imur minhabba ragunijiet ta' xoghol u mhux dejjem ikun jista' jmur f'dik il-gurnata u hin partikolari.

L-intimata tikkonferma illi fil-prezent hi mhux qieghda tiehu l-ebda medicini, u ilha li waqfithom gradwalment u dana fuq parir tat-tabiba taghha. L-intimata ikkonfermat ukoll illi giet certifikata *clear* fir-rigward ta' STIs. L-intimata tikkonferma illi hija qieghda tghix il-Ghargur f' *masionette* zghira, u qieghda tahdem fil-kumpanija tal-intimat tal- kiri tal-karozzi. Tikkonferma illi hi qatt ma hadmet bhala Nutar, u ghamlet biss ftit prattika. Tikkonferma illi lil Ivy qieghda tiehu hsiebha hi u li hi kuljum tmur ghand il-genituri taghha.

In ***kontro-ezami,*** mistoqsija jekk kien hemm vjolenza verbali jew theddid da parti tal-intimat, l-intimata tikkonferma dan. Izid illi kien jghidilha illi meta hi kienet tghidlu li mhux ha tiftahlu wara li jkun hareg u dam, u kien jghidilha illi ser tiftahlu ghaliex inkella kien isawwatha. Mistoqsija jekk tiftakarx li l-intimat kien qalilha illi jekk hu ma jgawdix lil Mia, hadd iktar mhu ha jgawdiha, u li se jsibuha fuq Santa, l-intimata tikkonferma dan, izda li kien qalha f'mument fejn kien rrabbjat. Mistoqsija jekk kien hemmx drabi li hedded lill-genituri taghha, l-intimata xehdet illi l-intimat ma kienx jimpurtah mill-genituri taghha u **tishaq illi dejjem hi kienet it-*target* tat-theddid tieghu.**

***Andreana Gellel riprodotta nhar it-3 ta' Ottubru 2023 (vide fol 826A et seq)*** spjegat illi mill-ahhar testimonjanza taghha 'l hawn, is-sinjuri Chetcuti u l-intimata omm kienu imsifrin u kienu qieghdin jghixu flimkien u ghalhekk ma kienx hemm wisq interventi da parti taghhom, ghalkemm kien hemm ftit kuntatt minn naha taghha biex tara kif inhuma sejrin. Il-hsieb u x-

xewqa tal-omm hija li tigi lura Malta, u il-hsieb taghha huwa li tigi lura Malta u tghix mat-tfal u hija deciza li l-missier ma jkollux kuntatt jekk mhux b'supervizjoni jew b'ordni tal-Qorti. In-nanniet jixtiequ li jghixu Parigi ghaliex il-hajja taghhom qieghda hemmhekk *ormai,* pero' minn informazzjoni li ghandha, x-xhud jidher li kien hemm kuntatt bejn l-intimati u li l-missier prova jimponi l-ideat tieghu fuq l-omm u minn naha taghhom jemmnu li ghad hemm influenza fuq l-omm da parti tal-intimat missier fuq il-hajja taghha b'mod generali u mhux sempliciment fuq xoghol. Ix-xhud tikkonferma illi Mia qieghda tghix man-nanniet, filwaqt li Ivy tghix mal-omm. Izzid illi l-missier baqa' ma ghamilx kuntatt maghhom bhala servizz u lanqas mal- SAVs. Illi l-access ma' Mia huwa sospiz pero' ma jafux jekk kien hemm kuntatt ma' Ivy tramite l-intimata omm.

**Ikkonsidrat:**

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjoijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [4] Infatti, fil-kawza fl-ismijiet M. Bonnici vs Onor J. Raynaud gie dikjarat li:

> ***"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino fejn gie ritenut li "r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal".***

Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[5] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew***

[4] Enfazi tal-Qorti.
[5] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

> ***meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[6]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[7]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

[6] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[7] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[8] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[9]

**Ikkonsidrat:**

Illi dan huwa provvediment wara rikors generali intavolat mir-rikorrenti nanniet materni, u genituri tal-intimata Talita Chetcuti, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti tafdahom bil-kura u kustodja tal-minuri Mia u Ivy ahwa Grech Chetcuti u li din il-Qorti tawtorizza r-residenza tal-minuri mal-atturi inkluz residenza gewwa Franza.

Mill-atti jirrizulta illi minn relazzjoni intima li l-intimati Talita Chetcuti u Tyson Grech, kellhom, twieldet il-minuri Mia Grech Chetcuti fit-13 ta' Settembru 2020 u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid *a fol 55* u sussegwentement il-minuri Ivy Grech Chetcuti li twieldet 26 ta' Frar 2023. Illi l-minuri Mia llum ghandha tlett (3) snin, filwaqt li Ivy ghad ghandha circa disa' (9) xhur. Illi r-rikorrenti, huma n-nanniet materni tal-minuri, li fil-prezent qieghdin jiehdu hsieb it-trobbija tal-minuri Mia. Illi filfatt il-minuri Mia ilha tirrisjedi fir-residenza tar-rikorrenti mit-twelied taghha, ghajr ghall-perjodu qasir ta' zmien fejn il-minuri kienet qieghda tirrisjedi mal-genituri u cioe mal-intimati fir-residenza taz-zijiet tal-intimat Grech. Il-minuri Ivy tirrisjedi mal-intimata omm. Illi ghalkemm ir-rikorrenti normalment jirrisjedu fi Franza minhabba x-xoghol tar-rikorrenti George Chetcuti[10], precedentement ghall-intavolar tal-proceduri odjerni, huma nizlu lura Malta meta l-intimata binthom Talita Chetcuti kienet ghadha *incinta* bl-ewwel wild taghha u cioe bil-minuri Mia sabiex jaghtuha l-ghajnuna necessarja. Illi ghalkemm ftit xhur wara t-twelied tal-minuri, l-intimati kienu ghat-tieni darba regghu temmew

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[9] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[10] Vide kuntratt ta' impjieg a fol 56 tal-atti.

ir-relazzjoni taghhom. Eventwalment l-intimati kellhom tarbija ohra flimkien, u cioe lil Ivy li twieldet iktar kmieni din is-sena u cioe fis-26 ta’ Frar 2023.

Illi tul il-mori tal-proceduri, din il-Qorti kellha l-opportunita’ li tisma’ *viva voce* t-testimjonanzi tal-partijiet diversi drabi, u kif ukoll tal-professjonisti fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, b’mod partikolari t-testimonjanza ta’ Andreana Gellel. Din il-Qorti tosserva illi l-ahhar li l-intimat u/jew l-avukat difensur tieghu dehru quddiem din il-Qorti kif preseduta kien fit-22 ta’ Marzu 2023, u cioe *presto o poco* xahar wara t-twelied tat-tieni wild tal-intimati. Illi wara l-udjenza tat-22 ta’ Marzu 2023, la l-intimat u lanqas id-difensur tieghu ma regghu dehru. Din il-Qorti rat ukoll illi qabel ma hija ssospendiet l-access supervizjonat tal-intimat mal-minuri Mia, l-intimat kien qiegħed jonqos repetutament milli jattendi ghal dana l-access u generalment kien jaghmel dan minghajr ebda pre-avviz.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-dokumentazzjoni kollha ezebita mill-partijiet, u kif ukoll it-testimonjanzi tal-partijiet. Rat ukoll id-diversi rapporti u noti intavolati mid-Direttorat tul il-mori tal-proceduri, u dak rilevat minn Andreana Gellel, fit-testimonjanzi taghha.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, n-nuqqas ta’ interess tal-intimat versu l-ezitu ta’ dawn il-proceduri, flimkien man-nuqqas ta’ interess tal-intimat li jezercita’ l-access lilu moghti, **huwa riflessjoni cara tal-indifferenza tieghu lejn uliedu.**

Di piu’, s-sentenzi ta’ sejbien ta’ htija moghtija fil-konfront tal-intimat, n-natura tal-akkuzi dedotti kontra tieghu huma tali, li jeskluduh bhala genitur xieraq u idoneju biex jigi afdat bil-kura u kustodja tal-minuri u dana minghajr ovvjament ma ttiehdu in konsiderazzjoni l-akkuzi li ghadhom pendenti.

Il-Qorti, filwaqt li tirrikonoxxi illi l-intimata omm, ghamlet xi kambjamenti pozittivi fir-rigward tar-rwol taghha bhala omm ta’ zewg minuri li ghadhom ta’ eta verament tenera, ma tistax, in *buona conscienza,* tafdalha l-kura u kustodja ta’ uliedha, meta l-intimata sfortunatament ghad ghandha legami mal-intimat, liema intimat ghad ghandu mezzi ta’ manipuljazzjoni fuq l-intimata li ghadha tibza tikkuntrarjah ghaliex garbet konsegwenzi horox meta ghamlet dan. Illi di piu’, minkejja li l-intimata tixtieq tipperswadi lill-Qorti li llum il-gurnata qed tghix f’appartament ghar-rasha u li hija finanzjarjament indipendenti mill-intimat, il-Qorti tifhem li s-sitwazzjoni hija kemm xejn differenti. An qed jinghad il-ghaliex l-intimat

Grech li jinsab mixli b'akkuzi ta' traffikar ta' drogi, ipperswada lill-intimata biex tiehu t-treggija tan-negozju ta' kiri ta' karozzi tal-intimat b'dak kollu, bil-konsegwenzi legali pessimi. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx illi l-intimata hija finanzjarjament indipendenti mill-intimat jew li r-relazzjoni taghhom fir-realta spiccat fix-xejn, Ghal kuntrarju, il-Qorti tqis illi l-intimat ghad ghandu s-setgha fuq il-hajja tal-intimata u konsegwentement fuq il-hajja tal-minuri.

Illi filwaqt li din il-Qorti tikkoncedi illi dak li xehed l-intimat fir-rigward tal-proceduri kriminali passati huwa minnu u cioe li fir-rigward il-proceduri rigward korrompiment ta' minuri, il-vittma kienet verament irtirat il-kwerela[11] u li hu inghata *conditional discharge*, u fir-rigward il-proceduri ta' serq aggravat huwa gie liberat[12], din il-Qorti rat illi fir-rigward l-akkuzi ta' stupru huwa instab hati mill-ewwel Qorti[13], liema sentenza giet konfermata mill-Appell[14]. Rat ukoll illi l-intimat tressaq b'akkuzi ta' allegat pussess u traffikar u anke b'akkuzi ta' htif ta' persuna.[15] Illi din il-Qorti rat ukoll illi d-Direttorat ircieva informazzjoni minn diversi persuni ripettutament illi l-intimat jista' wkoll ikun involut f'cirku ta' prostituzzjoni.[16] Illi huwa skoncernanti ghal din il-Qorti il-mod kif l-intimat xehed fuq dawn l-episodji f'hajtu, u b'certu indifferrenza bhal donnu jattribwixxi t-tort ta' dak kollu li sehh lil haddiehor izda mhux lilu nnifsu. Illi din l-attitudni giet ukoll osservata minn Andreana Gellel u saret referenza ghall-istess kemm fir-rapport taghha u kif ukoll fit-testimonjanza taghha kif riprodott iktar l' fuq.[17]

Illi di piu', mit-testimonjanza tal-intimata omm, huwa evidentissimu illi l-omm qatt ma qatghet lill-intimat missier mill-hajja taghha kompletament u dan minkejja li l-istess intimat huwa l-bniedem li rrendilha hajjitha mizerja, il-bniedem li aljenaha mill-familja taghha u il-bniedem li f' diversi okkazzjonijiet, kien ta' periklu reali ghaliha u ghal uliedhom. Din il-Qorti rat illi minkejja dan kollu, l-intimata baqghet tiggustifika ghemil l-intimat u kien biss fl-ahhar testimonjanza taghha u cioe dik tal-10 ta' Lulju 2023, *(vide fol 798 et seq)* li l-intimata bdiet taghti apparenza li tirrikonoxxi dak li kienet qieghda tigi sottoposta ghalih mill-intimat tul ir-relazzjoni taghhom. Illi dan gie ukoll osservat mill-professjonista Andreana Gellel fir-rapport

---

[11] Vide sentenza moghtija mill-Mag Dr Audrey Demicoli datat 10/11/2017 a fol 316 et seq tal-atti.
[12] Vide sentenza moghtija mill- Mag Dr Simone Grech datata 14/1/2022 a fol 320 et seq u vide verbal re procedure quddiem il-Mag Dr Donatella Frendo Dimech a fol 333, fejn gew irtirati l-akkuzi. Illi mill-verbal jidher illi ma kienx hemm referta.
[13] Vide sentenza moghtija mill-Mag Dr Rachel Montebello datata 29/9/2021 a fol 530 et seq.
[14] (vide sentenza Dok AAX, sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Jannar 2024)
[15] Vide dokumentazzjoni a fol 352 et seq fejn hemm esebiti rapporti kontra l-intimat in konnessjoni ma' dawn l-allegati reati.
[16] Vide rapport tad-Direttorat datat 5 ta' Meju 2022.
[17] Ibid.

taghha li minkejja li l-intimata kienet ilha in kuntatt mas-servizz minhabba l-allegata vjolenza domestika perpetrata mill-intimat, fejn saru allegazzjonijiet ta’ certu hruxija[18], in-narattiva li bniet l-intimata kienet wahda li l-intimat qatt ma kien ser jasal biex iweggaha, u li fil-fehma tal-istess intimata ma gara xejn gravi. Dan kollu jindika illi l-intimata, minkejja li l-progress personali li tghid li ghamlet, ghadha kif bdiet ikollha hjiel tas-severita’ tas-sitwazzjoni li hi u uliedha qieghdin fiha. [19]

Illi ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex ic-certezza morali li l-intimata hija psikologikament preparata u disposta li telimina lill-intimat mill-hajja taghha u dik ta’ uliedha kemm-il darba tigi afdatha bil-kura u l-kustodja ta’ uliedha. Di piu’, il-Qorti taf illi li kieku kellha taghmel dan, l-intimata ser tkun kostretta trabbi lill-uliedha wahedha minghajr ebda ghajnuna jew support tal-familjari taghha, li minhabba esigenzi lavorattivi ser jirritornaw lura Franza, b’dana illi l-intimata ser tkun kostretta li terga tirrikorri ghall-appogg tal-intimat Grech.

Il-Qorti rat illi il-preokkupazzjonijiet taghha huma wkoll riflessi f’dak rilevat fl-ahhar rapport tad-Direttorat mhejji minn Andreana Gellel li gie prezentat nhar l-20 ta’ Ottubru 2023, u huwa datat 18 ta’ Ottubru 2023 *(vide volum 5),* ghaliex jirrizulta li l-intimat Grech, ghadu jmur fejn id-dar fejn tirrisjedi l-intimata l-omm flimkien mal-minuri Ivy, u li l-istess intimat gieli kien verbalment u fizikament aggressiv mal-omm anke fil-presenza tal-minuri. Illi ghalhekk id-Direttorat, bhal din il-Qorti, ghandu l-preokkupazzjonijiet sejri fir-rigward is-sigurta’ tal-minuri Ivy. Illi hija l-fehma konsiderata ta’din il-Qorti illi sakemm il-legam bejn l-intimati jippersisti, il-*benessere* u s-sigurta’ tal-minuri ma jistghux jigu assigurati.

Illi din il-Qorti ghalhekk u fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet ma tistax tafda lill-intimata bit-trobbija ta’ uliedha, meta din il-Qorti qieghda tara illi l-intimata ghadha, minkejja kollox, daqstant kompjacenti ghall-agir tossiku u manipulativ tal-intimat.

Illi ghal dawn il-mottivi u fl-ahjar interess tal-minuri Mia u Ivy, din il-Qorta tafda lir-rikorrenti nanniet materni bil-kura u kustodja tal-minuri, b’dana illi r-rikorrenti qeghdin jigu awtorizzati jiehdu kwalsiasi decisjoni kemm dawk ordinarji u kif ukoll dawk straordinjari fir-rigward taz-zewg minuri u tordna illi r-residenza primarja taz-zewg minuri ghandha tkun man-nanniet materni, b’dana illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirrisjedu mal-minuri fi Franza. Illi din il-

[18] Vide rapport maghmula mill-intimata mall-pulizija kontra l-intimat a fol 593 et seq.
[19] Vide rapport tad-Direttorat datat 5 ta’ Mejju 2022.

Qorti tordna illi l-intimata omm ghandha tkun infurmata b'kwalsiasi decisjoni minnufih, u bi dritt ta' access liberu versu l-minuri, liema access ghandu jsir fil-presenza ta' wiehed mir-rikorrenti. Din il-Qorti tikkonferma id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju 2023 fejn ordnat is-sospensjoni tal-access tal-intimat versu l-minuri Mia, u tordna illi tali sospensjoni tapplika ukoll fil-konfront tal-minuri Ivy ukoll. Din il-Qorti zzomm in vigore l-Ordni ta' Protezzjoni datat 22 ta' Marzu 2022, favur ir-rikorrenti u l-minuri Mia, u tordna illi l-istess ordni ghandu jigi estiz fil-konfront tal-minuri Ivy kontra l-intimat Grech. Illi *di piu'* u in vista tas-sentenza ta' stupru ta' minorenni, tal-konferma tas-sentenza ta' sitt snin habs fuq akkuzi ta' stupru din il-Qorti taghraf li jezistu l-estremi biex l-intimat jigi svestit mis-setgha ta' genitur.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni talba hekk kif dedotti fir-rikors promotur tar-rikorrenti, stante li ormai l-imsemmija talbiet gew sorvolati, tilqa it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet hekk kif dedotti fir-rigward tal-minuri Mia u Ivy u:**

**(1) Tafda lir-rikorrenti nanniet materni George u Mariella konjugi Chetcuti bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Mia u Ivy ahwa Grech Chetcuti, b'dana illi r-rikorrenti qieghdin jigu awtorizzati jiehdu kwalsiasi decisjoni kemm dawk ordinarji u kif ukoll dawk straordinjari fir-rigward taz-zewg minuri;**

**(2) Tordna illi r-residenza primarja taz-zewg minuri ghandha tkun man-nanniet materni, b'dana illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirrisjedu mal-minuri fi Franza.**

**(3) Tordna illi l-intimata omm ghandha tkun infurmata b'kwalsiasi decisjoni li tikkoncerna t-tfal minnufih, u bi dritt ta' access versu l-minuri, liema access ghandu jsir fil-presenza ta' wiehed mir-rikorrenti u dana kemm jekk l-access jigi ezercitat Malta sew jekk jigi ezercitat fi Franza mill-intimata omm;**

**(4) Tikkonferma id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju 2023 fejn ordnat is-sospensjoni tal-access tal-intimat versu l-minuri Mia, u tordna illi tali sospensjoni tapplika ukoll fil-konfront tal-minuri Ivy;**

**(5) Izomm in vigore l-Ordni ta' Protezzjoni favur ir-rikorrenti u l-minuri Mia, u tordna illi l-istess ordni ghandu jigi estiz fil-konfront tal-minuri Ivy kontra l-intimat Grech.**

**(6) Tordna illi l-intimat jigi svestit mis-setgha ta' genitur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**